MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 854/2002

**Julia S. Merkoulova bhala mandatarja specjali ghan-nom u in rappresentanza ta' Bogodiaj Evgueni Grigorievitch assenti minn Malta.**

**-vs-**

**Dr. Carmel Chircop b'digriet tad-9 ta' Jannar, 2003 gie nominat bhala Kuraturi Deputati sabiex jirrapresentaw lis-socjeta' Lyubov Orlova Shipping Company Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fl-24 ta' Lulju, 2002 li permezz tieghu l-attrici nomine ppremettiet:

Illi Evgueni Grigorievitch Bogodiaj, li l-attrici nomine hija debitament awtorizzata tirrapresenta, huwa azzjonist minoritarju fis-socjeta’ Lubov Orlova Shipping Company Limited (C 20395), liema socjeta’ sal-15 ta’ Dicembru 2000 kienet proprjetarja tal-bastiment MV LYUBOV ORLOVA registrat Malta bin-numru Ufficjali 5188, li kienu l-unika ass tas-socjeta’.

U illi l-azzjonisti effettivi l-ohra fl-istess socjeta Lubov Orlova Shipping Company Limited kienu Oleg Abramov u Oleg Ulyanchenko , kif jirrizulta wkoll mid-dokument hawn anness bhala Dok. “A”.

U illi l-azzjonisti maggoritarji Oleg Abramov u Oleg Ulyanchenko, fit-3 ta’ Novembru 2000, iffurmaw bejniethom socjeta’ bl-isem ta’ Lyubov Orlova Shipping Co Ltd. (C27219), kif jirrizulta wkoll mill-Memorandum and Articles tal-istess socjeta’ hawn anness bhala Dok. “B”.

U illi fil-15 ta’ Dicembru 2000, l-istess l-azzjonisti maggoritarji fis-socjeta’ Lubov Orlova Shipping Company Limited (C 20395), Oleg Abramov u Oleg Ulyanchenko, abbuzivament u illegalment, ghall-isaputa tal-istess attrici nomine, bieghu l-basiment MV LYUBOV ORLOVA lis-socjeta’ taghhom stess Lyubov Orlova Shipping Co Ltd. (C27219).

U illi dal-fatt jikkostitwixxi frodi sfaccat fuq l-azzjonist minoritarju Evgueni Bogodyazh, huwa *ultra vires* il-poteri tad-diretturi tal-istess socjeta’ Lubov Orlova Shipping Company

Limited (C20395), u jwassal sabiex propjeta’ tal-azzjonist minoritarju, u tas-socjeta’ Lubov Orlova Shipping Company Limited (C 20395), gew mehuda illegalment mill-azzjonisti maggoritarji Oleg Abramov u Oleg Ulyanchenko tramite s-socjeta’ taghhom Lyubov Orlova Shipping Co Ltd. (C27219).

U illi in soddisfazzjon tal-artikolu 37 (2) tal-Kap 234 tal-Ligijiet ta' Malta, l-ahhar valutazzjoni tal-bastiment MV Lyubov Orlova kienet tammonta ghal hames mija u ghaxart elef Dollaru Amerikan (USD 510,000) u kwindi sehem l-attur mill-istess bastiment ghandu jammonta ghal (120 / 500) minn din is-somma u cioe mija u tnejn u ghoxrin elf u erba mitt Dollaru Amerikan (USD122,400).

U illi jekk il-bastiment fuq imsemmi ma jibqax aktar propjeta tas-socjeta konvenuta jew jekk jigu kostitwiti xi mortgages fuq il-bastiment id-drittijiet tal-attur ser jigu eluzi ghal kollox u ghalhekk l-attur ghandu interess illi, biex jigu kkawtelati d-drittijiet tieghu, l-imsemmi bastiment ma jigix trasferit lil terzi u ma johrogx mill-patrimonju tas-socjeta' ta' Lyubov Orlova Shipping Co Ltd. (C27219), u li ma jigux kostitwiti u registrati mortgages fuq l-istess bastiment, sabiex huwa jkun jista' fil-mertu jipprocedi ghar-rexxissjoni tat-trasferiment tal-bastiment mis-socjeta' Lyubov Orlova Shipping Company Limited (C 20395), ghas-socjeta' ta' Lyubov Orlova Shipping Co Ltd. (C27219), u b'hekk jigi reintegrat fil-patrimonju tieghu.

U illi a tenur tal-artiklu 37 tal-Att Numru XI tal-1973 tal-ligijiet ta' Malta (Kap 234) dina l-Qorti tista' fuq talba tal-attur, essendo parti interessata u in kawtela tad-drittijiet tieghu, tordna li jigi pproibit kull negozju dwar il-bastiment jew xi sehem fih.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex;

1. Tordna li ma jsir ebda negozju dwar il-bastiment MV LYUBOV ORLOVA u kull sehem fih u li ma jsir ebda

trasferiment tal-istess bastiment u kull sehem fih u li ma jigux kostitwiti u registrati mortgages fuq l-istess bastiment u r-registru tieghu u dan ghal zmien prefiss mill-Qorti u taht dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet li dina l-Qorti jidrulha

xierqa u dana a tenur u skond l-artiklu 37 tal-Kap. 234 tal-ligijiet ta' malta.

2. Tordna li kull ordni maghmul minn dina l-Qorti jigi notifikat lir-Registratur Generali tal-Bastimenti u Bahrin a tenur tal-istess artiklu 37 tal-Kap 234 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut nomine li jibqa' ngunt biex jidher ghas-subizzjoni, u b'riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-attrici nomine ghat-telf tal-qliegh mill-operat tal-istess bastiment u tad-danni l-ohra s'issa sofferti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur nomine mahlufa minn Julia S. Merkoulova u l-lista tax-xhieda.

Rat li l-konvenut nomine ma ppresentax nota tal-eccezzjonijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Novembru, 2004 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

Illi l-attur nomine kif gia' inghad, qed jitlob il-hrug tal-ordni minn din il-Qorti biex ma jsirx negozju dwar il-bastiment in kwistjoni ai termini tal-Artikolu 37 tal-Kap 234 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif intqal minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijet Fenech vs Argotank Navigator deciza fid-29 ta' April, 2003;

*L-imsemmija procedura tal-Artikolu 37 hija mahsuba li twettaq fuq bazi ta' prova prima facie li jimplika li ghandu jsir smiegh*

*u li l-Qorti tistharreg dwar il-jedd pretiz u jekk dan hux xieraq (Ara s-sentenza* Dingli vs Barbara *deciza Prim'Awla - 30 ta' Gunju 2000). L-ordni hu mahsub li jikkonserva sitwazzjoni u ghandu minn provvediment*

*kawtelatorju mahsub li jhalli l-kors tal-gustizzja dwar il-kwestjoni fil-mertu jiehu z-zmien tieghu minghajr il-bizgha li l-bastiment jghaddi f'idejn haddiehor qabel jintemmu l-procedimenti fil-mertu u dan bi hsara tal-kreditur jew ta' dik il-persuna li tkun tippretendi l-jedd.*

*L-ghan ewlieni … Hu dak li sakemm il-kwistjoni fil-mertu tkun giet mistharrga ma ghandu jsir xejn biex jippregudika l-mertu u l-jeddijiet tal-kontendenti dwaru …*

Il-Qorti allura trid tara jekk l-attur ikollux *prima facie* ragun jitlob il-hrug tal-ordni minghajr ma tidhol fil-mertu tal-kwistjoni. Kif intqal fl-istess sentenza imsemija *Huwa biss fejn ikun jidher car li l-pretensjonijiet imressqin … jkunu manifestament minghajr bazi li l-Qorti tista' tqis it-talba …bhala wahda manifestament vessatorja.* (Frendo vs Caruana Prim'Awla - 1 ta' Dicembru, 1995).

L-attur qed iressaq it-talba tieghu f'azzjoni separata li hija wkoll quddiem din il-Qorti u allura iktar u iktar il-Qorti ma tistax u ma ghandhiex tidhol fil-fond tal-kwistjoni vera u proprja. Mill-provi li ressaq l-attur jidher li t-talba tieghu ghandha tintlaqa ghaliex mill-kors tal-provi rrizulta li l-mandant tieghu qed jitlob ir-rexissjoni tat-trasferiment tal-bastiment innifsu u hu ghalhekk hu car li ghandu nteress li ma jsirx negozju fuqu.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-talba attrici u tordna li ma jsir ebda negozju dwar il-bastiment MV Lyubov Orlova u kull sehem fih u ma jsir ebda trasferiment tal-istess bastiment u kull sehem fih u ma jigux kostitwiti u registrati ebda *mortgages* fuqu u r-registru tieghu ghall-perjodu ta' sena skond l-Artikolu 37 tal-Kap 234 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**tordna wkoll li kull ordni maghmul minn din il-Qorti kompriza din is-sentenza jigu notifikati lir-Registratur Generali tal-Bastimenti u Bahrin skond l-istess Artikolu.**

**L-ispejjes ta’ din il-kawza jithallsu mis-socjeta’ konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------